# Iż-Żwiemel tal-Baħar

*Carmen Mifsud*

Iż-żwiemel tal-baħar huma tip ta' ħut mill-familja **Syngnathidae**. Din il-familja tiġbor fiha ħut li għandhom kisja ta' ġilda kollha piegi, mibnija minn ċrieki ta' l-għadam. L-għamla taż-żwiemel tal-baħar hija qasira u ċatta u għandha bħal ħotba fuq in-naħa ta' taħt li tidjieq f'daqqa u tispiċċa f'denb li jkollu erba' faċċati. Dawn jistgħu jkunu miksijin b'ponot li jkollhom bħal ħafna frieghi tax-xagħar. Iżda dan jiddependi fuq l-ispeċi taż-żiemel tal-baħar. Huma għand-hom geddum tawwali forma ta' tubu dejjaq li fit-tarf tiegħu hemm ħalq żgħir. Il-kulur ta' dawn il-ħut jiddependi fuq l-ispeċi u fatturi oħra, bħal jekk ikunx hemm speċi oħra fil-viċin jew jekk ikunx fiż-żmien in-namra. Hemm uħud li saħansitra huma parti ħomor jew sofor.

Ir-raġel ta' dawn il-ħut ikollu bħal but taħt sidru fejn iġorr il-bajd. Dan jagħmilha faċli biex wieħed jagħraf jekk żiemel tal-baħar huwiex raġel jew mara.

Iż-żiemel tal-baħar mhux biss dehra sabiħa biex tarah, imma wkoll jgħum b'ċerta grazzja. Minħabba li huwa miksi biċ-ċrieki ta' l-għadam, mhux possibli li dan jgħum billi jċaqlaq ġismu minn naħa għal oħra. Huwa jgħum wieqaf billi jċaqlaq il-ġewnah ta' fuq dahru madwar 70 darba fis-sekonda, u jikkoordina permezz tal-ġwienah tal-ġenb taħt rasu u dik ta' fuq dahru biex jgħinuh jgħum u jżomm ruħu wieqaf.

Ta' spiss, iż-żwiemel tal-baħar ma jħobbux kurrenti b'saħħithom u għalhekk jankraw ruħhom billi jobormu denbhom mal-ħaxix tal-baħar, qroll jew frieghi oħra taħt l-ilma.

Iż-żwiemel tal-baħar jieklu plankton u krustaċi żgħar, kif ukoll jistgħu jieklu ħut li jkun għadu kif faqqas. Huma jaqbdu l-ikel tagħhom billi jaħtfuh u jiġbduh 'l ġewwa f'ħalqhom. Dan jagħmluh b'mod tant qawwi u b'saħħtu li wieħed jista' saħansitra jisma' l-ħoss meta jaqbdu l-ikel, li jista' jkun anke akbar mill-bokka ta' ħalqu, tant li dan jista' jitqatta' biċċiet qabel jinġibed 'il ġewwa.

Iż-żiemel tal-baħar tal-Mediterran jibda jinnamra għall-ħabta ta' Mejju u Ġunju. Dan jagħmlu billi r-raġel idawwar denbu ma' denb il-mara. Barra minn hekk,

huma ta' spiss jagħmlu żifna billi jduru ma' xulxin. Din iż-żifna tista' ddum minn ftit sekondi sa numru ta' minuti. Ir-raġel ikun aggressiv jekk il-mara tiġi ttantata minn xi raġel ieħor jew inkella l-attenzjoni tagħha tingħata għal xi ikel. Iż-żiemel tal-baħar iżomm l-istess mara għal għomru, għalkemm dan jista' ma japplikax jekk dawn jinżammu fil-magħluq. Jekk tmut il-mara, ir-raġel xi kultant imut ukoll, iżda hemm min isib mara oħra.

Qabel ma r-raġel jgħammar il-mara, huwa jimla l-but tiegħu bl-ilma u jurih lill-mara għal ħafna drabi. Ir-raġel jiftaħ ħafna dan il-but tiegħu b'movimenti speċjali. Il-mara tersaq viċin dan il-but u timlieh b'bajd lewn oranġjo. Il-mara tbid madwar 100 bajda ġo dan il-but tar-raġel. Dawn imbagħad jiġu ffertilizzati mir-raġel meta jkunu fil-but tiegħu. Hekk wieħed jista' jgħid li huwa r-raġel li jġorr il-bajd qabel ma dawn ifaqqsu. Il-bajd jiżviluppaw f'dan il-but sakemm ifaqqsu.

Il-bajd idum ma jfaqqas minn bejn ġimagħtejn sa sitt ġimgħat, iżda dan ivarja minn speċi ta' żiemel tal-baħar għal ieħor. Meta dawn jaslu biex ifaqqsu ż-żiemel tal-baħar raġel jibda jagħmel ċerti movimenti minħabba li jkun qed iħoss li l-bajd waslu biex ifaqqsu. Meta l-friegħ ifaqqsu jiġu sparati 'l barra minn dan il-but, wieħed wieħed. F'xi każi dan jista' jieħu madwar ġurnata jew tnejn. Xi rġiel imutu wara li jwelldu l-friegħ minħabba li fil-but tagħhom jibqgħu xi friegħ mejta li ma jkunux faqqsu, u minħabba hekk taqbadhom infezzjoni. Meta jkunu għadhom kemm faqqsu, iż-żwiemel tal-baħar ikun fihom biss madwar ftit millimetri tul, imma huma jkunu diġa jixbħu lix-xjuħ. Huma jibdew mill-ewwel jesploraw il-madwar tagħhom u jitħallew waħedhom biex ifendu għal rashom. Huma jersqu lejn il-weraq tal-ħaxix tal-baħar biex magħhom jorbtu denbhom. Dawn jistgħu jgħixu sa erba' snin, dejjem skond l-ispeċi, u jistgħu jilħqu l-maturità sesswali meta jkollhom biss sitt xhur.

Madwar id-dinja nsibu 35 speċi ta' żwiemel tal-baħar. Dawn jinsabu mferrxa fl-ibħra tropikali u dawk bl-ilma fietel. Dawn huma ferm differenti kemm fid-daqs kif ukoll fil-kulur u hemm uħud li jistgħu jilħqu tul ta' 36ċm, għalkemm l-iżgħar speċi li tinstab fil-Golf tal-Messiku fiha biss 2.5ċm. Fil-gżejjer Maltin insibu żewġ speċi biss ta' żwiemel tal-baħar.

Dawn iż-żewġt iżwiemel tal-baħar li jinstabu fil-gżejjer Maltin nistgħu insejħulhom iż-żiemel tal-baħar ħalqu twil, u ż-żiemel tal-baħar ħalqu qasir, għaliex id-differenza bejniethom hija fit-tul

*Iż-Żiemel tal-baħar ħalqu twil*

*John Giuliano*



tal-geddum fejn wieħed hu itwal minn dak ta' l-ieħor.

Iż-żiemel tal-baħar ħalqu qasir fih biss madwar 10 sa 15-il ċentimetru u ma tantx huwa komuni. Huwa ta' kulur kannella li jagħti fil-griż b'daqqiet aktar ċari mhux l-istess. Mill-banda l-oħra ż-żiemel tal-baħar ħalqu twil huwa kemmxejn akbar u fih bejn 13 sa 16-il ċentimetru. Kuluru jvarja minn isfar sa kannella ħamrani skur u b'tikek żgħar bojod jew blu ċari li jiksuh kollu. Fuq rasu ta' spiss ikollu bħall-ponot tawwalin kif ukoll xi oħrajn fuq dahru. Huwa jżomm rasu ippuntata 'l barra.

Iż-żwiemel tal-baħar huma komuni fuq qigħan li jkunu miksija bil-Posidonja jew kif tissejjaħ ukoll l-alka tal-fond, jew inkella qigħan li jkunu folti bl-algi minn metru jew tnejn sa kważi 20 sa 25 metru fond. Il-kuluri tagħhom jgħinuhom biex jintilfu sewwa fil-madwar qalb l-alka fejn huma jgħixu. Biex jagħmlu dan huma jistgħu jbiddlu l-kulur tagħhom. Saħansitra n-numru ta' ponot u truf li għandhom ħerġin minn ġisimhom jgħinhom jagħmlu dan. Ngħidu aħna, iż-żiemel tal-baħar ħalqu qasir ikabbar qishom ħjut fuq il-ġilda tiegħu biex ikun jista' jintilef u jixbaħ lill-alka.

Iż-żwiemel tal-baħar għandhom ukoll il-ħila li jbiddlu l-kuluri. Il-bidla fil-kulur ma jagħmluhiex biss biex jintilfu fil-madwar u hekk jipproteġu lilhom infushom, imma anke bħala reazzjoni lejn żwiemel tal-baħar oħra u hekk juru kif qed jaħsbuha.

Iż-żewġt iżwiemel tal-baħar li jinstabu fl-ibħra tagħna huma mħarsa bil-liġi fil-gżejjer Maltin. Iżda ħafna żwiemel tal-baħar huma mħarsa fuq livell internazzjonali għaliex huma mniżżla fil-listi ta' ftehim internazzjonali, bħal ngħidu aħna, il-Ftehim għall-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa Ewropea u l-Ambjent Tagħha, magħruf aħjar bħala l-ftehim ta' Berna, kif ukoll f'wieħed mill-Protokolli tal-Ftehim ta' Barċellona, magħruf bħala l-Protokol dwar il-Biodiversità u ż-Żoni Mħarsa b'mod Speċjali fil-Mediterran.

L-isem xjentifiku tal-ġeneru taż-żewġ żwiemel tal-baħar li għandna f'pajjiżna huwa *Hippocampus*, kelma li ġejja mill-Grieg u tfisser "żiemel mgħawweġ". Dan min-ħabba kif din il-ħuta żżomm lilha nnifisha billi, tgħum b'rasha tħares l-isfel u l-geddum twil li jtiha dehra ta' żiemel żgħir. Drawwa komuni hi, li dawn iż-żwiemel tal-baħar jintużaw fil-mediċina afrodiżiaka fl-Asja. Iċ-Ċiniżi jemmnu li ż-żwiemel tal-baħar jistgħu isolvulhom il-problemi kollha, mill-ażma sa l-impotenza. Iżda, minbarra hekk, iż-żwiemel tal-baħar jintużaw biex jinżammu fl-akwarja, fi ħwienet ta' l-oġġetti strambi u anke bħala ikel madwar id-dinja kollha. Dan għen biex il-popolazzjoni tagħhom tibqa tonqos, u din hija waħda mir-raġunijet għaliex huma mgħotija ħarsien internazzjonali. O